# il-Ħuttafa

Numru **169**

Marzu - April 2022

**Dax-xahar**
**Il-Ħuttafa għalqet...**

**28**
**sena**
**1994-2022**




60
BirdLife
1962 MALTA 2022

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Huttaf



Aron Tanti

Il-buttuniera (*sweet alison* jew *sweet alyssum*) tagħmel fjuri kważi s-sena kollha.

mill-editur

# Ħejj Ħuttaf...

Ftit ilu kont ma' grupp studenti fir-riserva tal-Għadira.

Waqt li mexjin sibna pjanta tal-fidloqqom mimlija fjuri. Fil-pront xi ħadd qalli:

"Dik il-fjura tista' tikolha hux?"

Imxejna ftit ieħor u rajna roqgħa sabiħa ta' ħaxixa Ingliża bin-naħal dieħel u ħiereġ fil-fjuri. Qabeż student ieħor u qalli:

"Dik iz-zokk tagħha tista' tieklu hux?"

Ħames minuti wara sibna faqqiegħa. X'taħsbu l-ewwel ħaġa li staqsewni? Hekk hu:

"Dik tajba għall-ikel ser?"

"Il-aħwa!" għedtilhom bid-daħqa, "Intom kollox ikel taraw?!"

Ħaġa tajba li nkunu nafu li l-ikel tagħna jiġi min-natura. Wara kollox, mingħajr in-natura mmutu bil-ġuħ!

Imma m'għandniex inkunu moħħna biss x'nistgħu nieħdu min-natura.

Kif jgħid il-qawl Malti: "Tieħu bla ma trodd sas-swar tħott." Jiġifieri jekk ħaġa tieħu minnha biss u qatt ma tagħti xejn lura, fl-aħħar dik il-ħaġa tispiċċalek.

Man-natura hekk irridu nimxu. Meta nħawlu siġra, meta nagħmlu l-kompost, meta nferrxu ż-żerriegħa tal-fjuri, meta nibnu *bug hotel* jew *nest box*, meta narmaw *bird table* bl-ikel: b'dawn l-affarijiet ngħinu lill-pjanti, lill-għasafar, lill-insetti u lill-ħamrija. Inkunu qed ngħinu lin-natura ssir iktar sinjura.



Victor Falzon

Il-BirdLife teżisti biex tgħin lill-għasafar u l-bqija tan-natura. Għalhekk meta aħna l-membri nieħdu sehem fl-attivitajiet tal-BirdLife inkunu wkoll qed ngħinu lin-natura!

victor

**Victor Falzon**
L-Editur

## In this issue...


| | |
|---|---|
| **Mill-editur** | **2** |
| **Aħbarijiet** | **3** |
| **X'rajt fil-ġnien** | **4** |
| **L-għasafar kollha ta' Malta!** | **5** |
| **Tinkwetawx** | **5** |
| **Habitats in Malta - Caves** | **6** |
| **Żmien il-fjuri!** | **7** |
| **Il-bagħdan abjad** | **8–9** |
| **Octopus funfacts** | **10** |
| **Colour the wagtail** | **11** |
| **Attività** | **12** |
| **Wiċċinu u Laskri** | **12** |
| **The Migration Story** | **13** |
| **Tajr Moħbi** | **14** |
| **Il-ballottra** | **15** |
| **The plot of the masks** | **16** |


## People who wrote

Thais Amaral (National Aquarium), Elena (Ecohive), Desirée Falzon, Victor Falzon, Abbie Ferrar, Mark Gauci, Marie Vella (BOV)

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, visits to nature reserves, boat trips and also do environmental work
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.




## Get in touch


tel **21347645 / 21347646**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, April 2022

Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print
Reg.Vol.Org. VO/0052


FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Aron Tanti

## Kuda

Northern Wheatear *Oenanthe oenanthe*

Il-kuda żżurna fir-rebbiegħa u fil-ħarifa, fi triqtha bejn l-Ewropa u l-Afrika. Tieqaf magħna għal xi ġranet biex tistrieħ ftit. Tfittex il-beraħ bħal steppa u xagħri, fejn tferkex qalb il-blat għal dud u insetti. Nagħrfuha l-iktar għax meta ttir jispikka denbha abjad b'disinn iswed forma ta' T.

# Gamiem għall-qatla



Il-**gamiema** (*European turtle-dove*) naqset sew mid-dinja. Fl-aħħar 40 sena l-gamiem tal-passa naqas bi 80%. Fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea huwa kontra l-liġi taqbad jew joqtol gamiem fir-rebbiegħa. Għalhekk skantajna meta smajna li f'Malta reġa' nfetaħ staġun f'April għall-kaċċa tal-gamiem!

Kif jaf kulħadd, fir-rebbiegħa l-għasafar ibejtu. Meta annimal qed jispiċċa mid-dinja, l-ewwel ħaġa li tagħmel biex issalvah hi li tipproteġih speċjalment fi żmien li jkollu ż-żgħar. Ma tridx tkun professur biex tifhimha din.

Il-BirdLife għamlet kollox biex il-kaċċaturi ma jitħallewx joqtlu gamiem dir-rebbiegħa. Anke l-qorti marret. Imma ta' xejn, għax l-istaġun tal-qtil xorta nfetaħ. F'April il-kaċċaturi kellhom permess joqtlu 1500 gamiema (u 2500 summiena). U kif jiġri dejjem, mal-gamiem u s-summien inqatlu ħafna għasafar oħrajn protetti, speċjalment tajr tal-priża u għasafar kuluriti bħad-daqquqa tat-toppu u l-qerd in-naħal.

Tal-mistħija!

VULNERABLE TO EXTINCTION



## Ċaw natura! Merħba storbju!

**Fuq biċċa art kbira ħdejn l-irdum ta' Għar Ħasan se jibnu strippa biex fiha jtajru l-mudelli tal-ajruplani! Bħalissa f'din l-art hemm xagħri u steppa mimlijin pjanti bħal tengħud u orkidi, u f'ħofor fl-irdum ibejjet iċ-ċief u l-merill. Biex jibnu l-istrippa ħa jordmu kollox u l-post ħa jġibuh deżert. U bl-istorbju tal-mudelli u bid-dwal ħa jgerrxu l-għasafar mill-ħabitat tagħhom fejn ilhom ibejtu eluf tas-snin.**

## Rix Rari

Erba' għasafar rari li ntlemħu mill-berdwoċers tal-BirdLife f'dawn l-aħħar ġimgħat f'pajjiżna kienu **bumistur**, **gallozz tat-tikek**, **bufula tal-pavalor** u **żanżarell tal-lvant.**

Kif taraw mir-ritratti ta' seħibna Aron, ebda minnhom m'għandu kuluri spettakolari… griż, kannella, iswed, abjad. Imma xorta qajmu eċitament fost in-naturalist tagħna. Ħaġa rari dejjem prezzjuża hux! Speċjalment xi annimal jew pjanta.




Aron Tanti




Aron Tanti




Aron Tanti




Aron Tanti

# X'rajt fil-ġnien 6

Desirée Falzon
Detektiv


Desirée Falzon


Ferħ ta' pulċinell
Victor Falzon

Fil-ġnien inħobb niżra' l-bużbież. Minbarra li faċli ħafna biex tkabbarha, dil-pjanta nħobbha ħafna għax fuqha tgħidx kemm jgħixu annimali. Diversi insetti jużaw il-bużbież jew biex ibidu fih, jew biex jieklu l-weraq, jew biex jistkennu, u anke jkun hemm min jikkaċċja fih. Ftit ilu għamilt skoperta ġdida!

Bħas-soltu ħriġt fil-ġnien biex niċċekkja x'se nsib ġdid fil-bużbież, li bħalissa diġà kiber ġmielu u saru arbuxelli sbieħ. Jien u nħares lejn iz-zkuk rajt bħal ballun żgħir ragħwa bajda fuq uħud minnhom.

Għall-ewwel ħsibtu bżieq u kont se ninġibed lura, imma fl-istess ħin ftakart li nies ma jgħaddux mill-ġnien tiegħi!

"Mmm, allura dik ir-ragħwa bilfors xi ħaġa li għamel annimal jew il-pjanta stess," għidt filwaqt li mort inġib il-lenti.

Bħas-soltu, il-lenti kabbritli d-dinja u f'dik il-qatra ragħwa rajt xi ħaġa iktar skura. Seta' kien hemm xi annimal hemm ġew? Iċċekkjajt l-erba' blalen ragħwa oħrajn li kien hemm, u kollha kellhom xi ħaġa fihom!

Qallibt fl-Internet u skoprejt min qed jagħmel ir-ragħwa: ikun il-[1]larva ta' insett żgħir jgħidulu pulċinell, bl-Ingliż *froghopper*.

Għalkemm jismu *froghopper* dan l-insett m'għandu x'jaqsam xejn maż-żrinġijiet! Jgħidulu hekk għax jaqbeż ħafna, fil-fatt kapaċi jaqbeż mitt darba t-tul tiegħu stess! Meta jkun għadu larva ma jtirx, allura waqt li qed jiekol mill-pjanta li faqqas fuqha, faċli jiġi predatur u jaħtfu għall-ikel. Għalhekk biex jinħeba, dan il-farka ta' annimal jipproduċi dik ir-ragħwa minn ġo fih u jinħeba fiha mill-predaturi. Fl-istess ħin hemm ġew ikun ukoll protett mill-qawwa tax-xemx u r-riħ.

Dan il-larva jibqa' jagħmel ir-ragħwa sakemm fl-aħħar jinbidel f'adult u jtir 'l hemm.

Ara jirnexxielkx issib dik ir-ragħwa fuq xi pjanta fil-kampanja. Jekk issibha, ittellifhiex għax hemm ġew ikun hemm pulċinell żagħżugħ qed jistaħba!



Pulċinell adult

Issa sew! Intlift...
Ħelooww!

Bl-Ingliż din ir-ragħwa jgħidulha *cuckoo spit*!
Imma la hija *spit* u ma għandna x'taqsam xejn mal-*cuckoos*!

[1]**larva**. Insett li jkun għadu żgħir, pereżempju *caterpillar*.

Ma, jiena larva?
Iva, ruħi qalbi.

# L-Għasafar kollha ta' Malta!

F'Malta s'issa dehru ftit **iktar minn 400 speċi** ta' għasafar. Uħud minnhom huma komuni ħafna, oħrajn rari ħafna; uħud narawhom ftit ġranet biss fis-sena, oħrajn jgħixu Malta ħajjithom kollha. F'din is-sensiela ħa nibdew inġibu liema huma dawn l-ispeċi. Dawn huma l-ewwel għaxra...

Ritratti Aron Tanti, Steve Zammit Lupi, Roland Vella

1 
Isem Malti
**Summiena**
Isem Ingliż
**Common Quail**
Isem xjentifiku
*Coturnix coturnix*

2 
Isem Malti
**Ċukar**
Isem Ingliż
**Chukar**
Isem xjentifiku
*Alectoris chukar*

3 
Isem Malti
**Brajmla Rasha Bajda**
Isem Ingliż
**White-headed Duck**
Isem xjentifiku
*Oxyura leucocephala*

4 
Isem Malti
**Ċinju**
Isem Ingliż
**Mute Swan**
Isem xjentifiku
*Cygnus olor*

5 
Isem Malti
**Wiżża Ħamra**
Isem Ingliż
**Red-breasted Goose**
Isem xjentifiku
*Branta ruficollis*

6 
Isem Malti
**Wiżża Griża**
Isem Ingliż
**Greylag Goose**
Isem xjentifiku
*Anser anser*

7 
Isem Malti
**Wiżża tal-Ful**
Isem Ingliż
**Bean Goose**
Isem xjentifiku
*Anser fabalis*

8 
Isem Malti
**Wiżża tal-Maskra**
Isem Ingliż
**Greater White-fronted Goose**
Isem xjentifiku
*Anser albifrons*

9 
Isem Malti
**Brajmla Sewda**
Isem Ingliż
**Common Scoter**
Isem xjentifiku
*Melanitta nigra*

10 
Isem Malti
**Brajmla tal-Għajn**
Isem Ingliż
**Common Goldeneye**
Isem xjentifiku
*Bucephala clangula*

Din hija l-lista approvata minn BirdLife Malta. l-ismijiet bil-Malta huma dawk li tuża BirdLife Malta, għalkemm hemm għasafar magħrufin b'iktar minn isem wieħed. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)


Victor Falzon

# Tinkwetawx...

Fir-rebbiegħa l-għasafar ikunu bil-bejta. Għalhekk daż-żmien ikun hemm ħafna frieħ fil-bejtiet. Meta l-frieħ tal-għasafar tal-bejt jibdew jikbru, il-bejta ma tibqax tesagħhom u jkollhom ġenn biex joħorġu minnha, allavolja jkunu għadhom ma tgħallmux itiru. Il-ġenituri tagħhom jafuh dan, u bil-paċenzja kollha jiġru wara uliedhom u jitimgħuhom sakemm jikbru iktar u jitgħallmu jtiru.

Għalhekk jekk issibu ferħ ta' għasfur tal-bejt joqmos fl-art (bħal dan tar-ritratt), tinkwetawx wisq għax **dak mhux mitluf**! Il-ġenituri tiegħu aktarx qed jaraw kollox u qed jistennewk twarrab, ħalli jinżlu jkomplu jieħdu ħsieb lit-tifel jew tifla tagħhom. Sintendi jekk ikun f'nofs ta' triq poġġuh x'imkien **viċin** imma fejn ma jkunx fil-periklu. Imma tiħduhx id-dar biex tippruvaw trabbuh intom, għax aħjar mill-ġenituri tiegħu żgur m'hemmx.

# Caves

When exploring the Maltese islands, you will come across many **caves** in the natural landscape and coastline.

Caves found across the Maltese coasts, are formed through wave action and other natural processes. Deep caves are formed through similar processes as those found along the coastline, however these are much rarer.

Inside these caves one may find various flora and fauna which have adapted to live within them, the most well-known species of course being bats. The **Maghrebian Mouse-eared Bat** is native to the islands and has a wingspan of 30-40 cm, making it one of the largest bat species to occur in Malta. These creatures are sensitive to both light and sound.

Due to the nature of environment which these species inhabit caves become extremely sensitive to human interaction. Due to this, access to certain caves is restricted, such is the case for Ghar Dalam which is also located within a **Natura 2000 site.**

Together, the bats and other flora and fauna within caves form unique habitats, with some being endemic to the Maltese Islands.





Għar Ħasan

ERA
Environment & Resources Authority

## Habitats in Malta



Il-**ħarira ħamra** u l-**ħarira kaħla** huma fil-fatt l-istess speċi. Daqqa jkollhom fjuri ħamranin, u daqqa koħol.










# Żmien il-fjuri!
















Fil-kampanja jikbru fjuri fl-istaġuni kollha, anke fl-eqqel tas-sajf. Imma kif jaf kulħadd l-iktar staġun li fih jiftħu fjuri huwa r-rebbiegħa. Dawn huma ftit mill-ħafna fjuri li tistgħu taraw jekk toħorġu ftit fil-kampanja fir-rebbiegħa.
Ara ssibuhomx kollha.
Dawk li ssibu ttikkjawhom!










Ritratti Desirée Falzon u Victor Falzon

# Bagħdan Abjad

## Pallid Harrier *Circus macrourus*



Ritratt ta' Aron Tanti meħud fl-inħawi tal-ajruport



BirdLife MALTA



**HEY, YOU...
MY NAME'S HANK!**

MALTA NATIONAL AQUARIUM

# 10 FUN FACTS ABOUT THE OCTOPUS!

1. My name "Octopus" comes from the ancient Greek words Octo (eight) and poda (foot).
2. I do not have bones so I can easily squeeze into narrow holes!
3. My 8 arms (they are not called tentacles!) have a lot of suckers that I use to crawl.
4. I can also swim very fast... but backwards! Humans call it jet-propulsion!
5. Don't try to catch me... I will release a black ink to confuse you and then run away!
6. My mouth - at the centre of my arms - has a strong beak and I bite while releasing venom.
7. If you don't see me... it doesn't mean I'm not there! I can change the colour of my skin to blend with the surroundings!
8. I have a blue-ish blood.
9. I have 3 hearts: 2 for pumping blood through my 2 pairs of gills so I can breathe, and 1 for the rest of the body.
10. I am really intelligent and humans always want to prove it with studies and experiments.Give me a jar and I will show you how to open it from the inside!











## WHO IS THE BIGGEST?

The Giant Pacific Octopus. A specimen was recorded with 272 kg and 9 m in length.





## WHO IS THE SMALLEST?

The Octopus wolfi is less that 2.5 cm in length and 1 g in weight. So cute!

## WHO IS THE MOST DANGEROUS?

Four highly venomous species of blue ringed octopuses, with their powerful toxin that would be able to kill a human.



## COLOUR THE PICTURE BY NUMBERS



# Colour the Wagtail

Victor Falzon

## Yellow Wagtail





The yellow wagtail (*isfar* in Maltese) is a lovely little bird with an astonishing yellow tummy. Many yellow wagtails visit Malta in spring as they fly from Africa. They don't stay long because they still have a long way to fly home to nest, somewhere in Europe. While they are here they rest and gobble up lots of tiny insects. Yummy!




## Mystery flower

So did you guess last issue's mystery flower? Yes,it was the **pimpernel** (*ħarira*). It's a small plant that makes tiny flowers in springtime. The flowers of the pimpernel can be blue or pinkish orange.

po**p**py
da**i**sy
e**m**u
a**p**e
be**e**
f**r**og
a**n**t
**e**el
li**l**y

There are pictures of the pimpernels on page 7.

n Days! Club Days! Fun Days!




We at Klabb Ħuttaf do lots of fun activities and adventures for you and your family. To learn about our next awesome activity check out our website!

www.birdlifemalta.org/events

www.birdlifemalta.org/events






## Il-Mixja għan-Natura

Grazzi!

Il-Mixja għan-Natura li għamilna l-Ħadd **27 Marzu 2022** kienet suċċess. Konna b'kollox 47. Imxejna mill-Buskett sas-Salib tal-Għolja u lura bid-dawra. Mill-mixja ġbarna b'kollox **€904.54**. Kif jidher mill-għatu tal-*collection box* ħelwa li ġabitilna Kimberly Marie Gatt, bil-flus se nkabbru l-ħabitat fejn tbejjet il-monakella fir-riserva naturali tal-Għadira. Grazzi Kimberly u l-parteċipanti kollha, u grazzi lil-*leaders* li organizzaw kollox.



## Easter EggCitement

Minħabba l-Covid konna ilna sentejn ma nagħmlu l-Easter EggCitement, imma dis-sena erġajna bdejna. Nhar is-Sibt **16 April 2022** attendew total ta' 74 familja għal din l-attività li għamilnieha fir-riserva ta' Foresta 2000. Kemm ħadna pjaċir infittxu l-bajd taċ-ċikkulata qalb is-siġar! Wara, inżilna sar-riserva tal-Għadira fejn tqassmu xi premjijiet, u kulħadd kell ċ-ċans isir l-annimali favorit tagħhom... bis-saħħa tal-*face paints*!

# Wiċċinu u Laskri

Aħbarijiet sbieħ u koroħ minn madwar id-dinja

## Volpi + +



Sa 20 sena ilu fl-Iskandinavja kollha kien baqa' inqas minn 50 volpi abjad (*arctic fox*) b'kollox. Għalhekk fin-Norveġja sar proġett biex jitrabbew u jintelqu mijiet minn dan l-annimal simpatiku u importanti għall-ekosistemi. Bis-saħħa ta' dal-proġett illum in-numru tela' għal 500. Għadu xorta numru żgħir, imma x-xjenzati jittamaw li n-numru ftit ftit ikompli jikber.

## Natura sejra lura



Fl-Awstralja hemm ħafna pjanti u annimali endemiċi li ma ssibhom imkien iktar fid-dinja. Sfortunatament ħafna minnhom saru rarissmi. Minkejja dan, il-gvern Awstraljan mhux jagħmel biżżejjed biex jipproteġihom kif imiss. Ix-xjenzati jqisu li sa 20 sena oħra 45 speċi ta' annimali ħa jisparixxu mill-Awstralja, u sa 10 snin oħra se jispiċċaw 55 speċi ta' pjanti.

## Daqshekk gass



Xi 10 snin ilu l-mexxejja ta' Zurich (belt kbira fl-Iżvizzera) iddeċidew li jnaqqsu l-użu tal-gass naturali u floku jużaw enerġija nadifa. Dan il-gass huwa *fossil fuel* li jħammeġ l-arja u jsaħħan il-klima. L-Iżvizzera timporta nofs il-gass naturali mir-Russja. Wara li r-Russja attakkat lill-Ukrajna, Zurich qed tħaffef il-pass biex jeħilsu għal kollox mix-xiri u l-użu tal-gass.

# The Migration Story

**Why?**

Why do animals migrate? Why do they risk their lives every year to make long journeys full of danger?

Easy! To stay alive!



Night Heron *Kwakka*





Oystercatcher *Gallina tal-Baħar*



Little Egret *Agrett Abjad*



Grey Heron *Russett Griż*



Squacco Heron *Russett Isfar*

Imagine you are a bird that lives near a lake, enjoying summer somewhere in northern Europe, catching fish and having a great time.

Hmm, but what happens when winter comes and your lake freezes over? Now you cannot catch fish. If you stay there you'll die cold and hungry. What you can do is fly away and look for a place where the weather is warmer, where water doesn't freeze in winter.

So off you go until you find a place – perhaps around the Mediterranean – where you can stay the winter near a lake that isn't frozen. Phew, that was close!

But in this place summers are hot and your nice winter lake dries up. So yes, before summer comes you'll have to pack up and move again.

The best idea is to fly back north to the place you know, where your home lake is not frozen anymore and where you can catch fish again.

Back home you can now nest and have a new family, because there is food for everyone.

Ah, but winter will come again...



White Stork *Ċikonja Bajda*



Common Shelduck *Kuluvert tas-Salib*



Turnstone *Monakella Imperjali*



Barn Swallow *Ħuttafa*



Marsh Harrier *Bagħdan Aħmar*




Photographs by **Aron Tanti, Ray Galea, Nicholas Galea, Victor Falzon**

# TajR MoĦbi

## Aqta' l-ismijiet ta' tajr li ssib Malta billi tara l-istampi x'qegħdin juru

Aron Tanti



Arpa



A R P A

Aron Tanti



Bufula tal-Imrewha



Fjamma Sewda

Aron Tanti



TAL-











Aron Tanti



Paletta

Aron Tanti



Vjolin Ħadrani



BOV
Bank of Valletta

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

F A T T I F A W N A




# il-Ballottra

- Il-ballottra hija mammiferu (*mammal*). Mammiferi huma annimali li jżoqqu liż-żgħar tagħhom bil-ħalib.
- Ballottra jgħidulha *weasel* bl-Ingliż, u l-isem xjentifiku tagħha huwa ***Mustela nivalis***.
- Il-ballottra hija kuġina tal-lontri (*otters*), tal-baġers (*badgers*) u tan-nemes (*ferret*). Xi nies irabbu n-nemes bħala pet, dan jixbah hafna lill-ballottra imma jkun ikbar.
- Il-ballottra hija [1]karnivoru u predatur. Tiekol ġrieden, firien, gremxul, wiżgħat u anke frieħ u bajd tal-għasafar.
- Il-ballottra hija l-iżgħar mammiferu karnivoru fid-dinja. Fl-istess ħin hija l-ikbar karnivoru tal-art li nsibu Malta.
- Il-ballottra mgerrxa mill-bniedem u tevita postijiet fejn jgħixu jew fejn jgħaddu n-nies.
- Il-ballottra tgħix f'diversi ħabitati. Tħobb ħafna postijiet fejn hemm ħitan tas-sejjieħ antiki mwaqqgħin.
- Ma nafux il-ballottra hix [2]indiġena f'Malta. Jista' jkun li ddaħħlet żmien ilu mill-bniedem minn art oħra.
- Il-ballottra mifruxa sew f'Malta imma aktarx li mhix komuni. F'Għawdex u fuq Kemmuna ma tinstabx.
- Minħabba li żgħira u flessibli ħafna, il-ballottra kapaċi tgħaddi minn irkejjen dojoq. Xi nies jaħsbu li l-ballottra m'għandhiex għadam, imma dan mhux veru. Fil-fatt għandha iktar għadam milli għandna aħna!
- Bħal kważi l-mammiferi kollha ta' Malta, il-ballottra mħarsa bil-liġi.




---

[1]**karnivoru.** Annimal li jiekol annimali oħrajn
[2]**indiġenu.** Speċi li minn dejjem kienet tgħix f'dak il-post


ECOHIVE MISSIONS
THE PLOT OF THE MASKS
WRITTEN BY ELENA
IT WAS A SUNNY MONDAY MORNING
EVERYONE WAS RUSHING BACK TO SCHOOL
HAHAHA...
BRATS... I MEAN, KIDS ARE SO FED UP WITH THE MASKS! I'LL "HELP" THEM.. AND BY THAT I MEAN, HELP THEM DO MY JOB! GENIUS!
I PRINTED HUNDREDS OF FAKE NEWS LEAFLETS... KILLING SOME TREES IN THE PROCESS! I'M SO EFFICIENT!
IT'S OVER! recycle your masks NOW!
simply toss them in the recycling bag and you're DONE!
I'LL JUST LEAVE THEM BY THE SCHOOL'S ENTRANCE AND WAIT...
DIDN'T YOU READ THE NEWS? WE DON'T NEED THESE ANYMORE!
AND WE CAN HELP THE ENVIRONMENT BY RECYCLING THEM!
WAIT.. IT SAYS HERE THAT FACEMASKS ARE MADE FROM DIFFERENT TYPES OF MATERIALS AND CAN'T BE RECYCLED. IT'S IMPORTANT TO ALWAYS DOUBLE CHECK WHEN THINGS SEEM TOO GOOD TO BE TRUE!
WHAT A... TRASHY PRANK! BUT HOW DO WE STOP IT?!
WE WILL LET THE WHOLE SCHOOL KNOW THEY HAVE BEEN MISINFORMED AND... REUSE THESE STUPID LEAFLETS IN THE PROCESS!
I WILL EMAIL ECOHIVE! THEY'LL KNOW WHAT TO DO WITH ALL THESE USED MASKS!
A FEW MOMENTS LATER...
PLEASE, KEEP WEARING YOUR MASK! AND BEFORE YOU ASK... IF IT SOUNDS TOO COOL, MAKE SURE IT'S REALLY TRUE, DON'T BECOME A FOOL!
THAT WAS A DANGEROUS "JOKE"!
AS SOON AS I SAW THE BANNER, I PUT A NEW MASK ON!
MEANWHILE AT ECOHIVE HQ...
WE RECEIVED AN EMAIL REQUESTING URGENT ASSISTANCE. THERE'S AN ECO-EMERGENCY AT THE LOCAL SCHOOL!
ECOHIVE INBOX
handle it alone :( There are way too many bags! We don't know what to do! PLEASE, SEND HELP!
I HAVE JUST THE RIGHT LIZARD FOR THE JOB, LET'S CALL HER RIGHT AWAY!
AGENT LIZA, WE NEED YOUR HELP! THERE'S A HEAP OF WASTE THAT GOT MISTAKENLY PUT INTO THE RECYCLING BAGS AT THE NEARBY SCHOOL!
GENERAL BUZZ! CONSIDER IT DONE! WITH MY "STICKY" FINGERS, I'M A REAL PRO AT SORTING WASTE!
AGENT LIZA
THANK YOU, AGENT LIZA! NOW THAT ALL THE WASTE IS IN THE RIGHT KIND OF BAGS, WHAT WILL HAPPEN TO IT?
DISPOSABLE MASKS CAN'T BE RECYCLED, BUT CAN THEY STILL BE USEFUL?
VERY GOOD QUESTION! BLACK BAGS ARE TAKEN TO ECOHIVE AND THE CONTENTS ARE USED TO MAKE ENERGY!
WHAT ABOUT THIS HUGE ONE? IT'S VERY HEAVY, CAN YOU GIVE ME A HAND?
NOT ONLY IS IT HEAVY, BUT... IT'S MOVING?!
OH NO, BE CAREFUL! THE BAG IS TEARING!
HEHEHE...
AGENT LIZA, HE'S TOO FAST!
GARBAGE MONSTER, STOP! YOU'RE BEING DETAINED!
BETTER LUCK NEXT TIME, SUCKERS!
HAHAHA!!
VISIT ECOHIVE.COM.MT/KIDS